**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 133/2017 CFF**

**Carlton Farrugia**

**vs**

**Christian Borg**

**Illum 8 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Carlton Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' numru 168493M, fejn espona:

Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuni u għar-raġunijiet li ser jiġu dettaljament ittrati tul il-mori ta' dawn il-proċeduri, tħallas is-somma ċerta, likwida u dovuta ta' ħdax-il elf ewro (11,000), rappreżentanti l-bilanċ pendenti minn somma globali akbar lilek mislufa brevi manu, bl-ispejjeż kontra l-intimat, kompriżi dawk tal-ittra ufficjali numru 467/2017 ippreżentata fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u bl-imgħaxijiet bl-għola rata applikabbli skont il-liġi, dekoribbli mid-data tan-notifika tal-appena ndikata ittra uffiċjali, cioè mit-22 ta' Frar 2017, sad-data tal-pagament effettiv.

Rat **ir-risposta** tal-konvenut **Christian Borg (K.I. 315493M)** fejn espona:

1. Illi t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess u dan stante li l-esponent qatt ma ssellef u lanqas ingħata ebda self brevi manu jew mod ieħor mingħand l-attur Carlton Farrugia;

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.

**Il-Qorti**

Rat l-avviż tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-konvenut;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti Carlton Farrugia a fol 14 *et seq* tal-proċess;

Rat l-affidavit ta' Christian Borg a fol 33 *et seq* tal-proċess;

Rat l-affidavit ta' Mark Mussett a fol 35 ta-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Bernard Attard waqt is-seduta tat-8 t'Ottubru 2019;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrenti Carlton Farrugia prodott mill-intimat in kontro-eżami, waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar 2020;

Semgħet ix-xhieda tal-intimat Christian Borg in kontro-eżami waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2022;

Semgħet it-trattazzjoni waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2023;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Il-każ odjern huwa wieħed fejn qiegħed jiġi kontestat illi r-rikorrenti għadda somma ta' flus lill-intimat, b'titolu ta' self brevi manu. Illi r-rikorrenti qiegħed jitlob il-ħlas tal-ispejjeż li kien għamel u self ieħor ta' flus li kien għamel wara li hu flimkien mal-intimat kienu siefru ġewwa l-Ingilterra sabiex jixtru vetturi. Illi skont il-verżjoni li ta r-rikorrenti, kien tella xi flus miegħu sabiex jixtri xi vettura għalih waqt li l-konvenut kellu jixtri xi vetturi ukoll. Ġara li minħabba li kienu spiċċaw l-flus, l-intimat talab xi flus lir-rikorrenti u kien hemm ftehim bejniethom li kellu jħallsu wara li kien ibiegħ dawn il-vetturi. Tant li spiċċa tah sitt elef ewro kif ukoll il-credit card tiegħu li minnha bdew jitħallsu l-ispejjeż dovuti kemm għall-ikel u anki multi li kellhom jitħallsu. Illi min-naħa tal-intimat huwa nnega li kien issellef xi flus minn għand ir-rikorrenti u dan il-fatt ġie ikkonfermat ukoll minn xhieda li telgħu jixhdu f'dawn il-proċeduri.

Hekk kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Fidele sive Teddy Aquilina et vs Stephen Buttigieg (***Rik Nru 317/15, Qorti tal-Appell (Superjuri), 26 t'Ottubru 2022;

> *"Fid-dawl tal-verżjonijiet kontrastanti mogħtija mill-kontendenti fil-kawża, l-ewwel Qorti kellha tqis liema miż-żewġ verżjonijiet tal-fatti hija l-aktar waħda verosimili, gwidata dejjem mill-prinċipju, li l-grad ta' prova meħtieġ fil-kamp ċivili huwa dak tal-bilanċ ta' probabbilitajiet u l-preponderanza tal-provi. Jiksbu relevanza l-kriterji ta' kredibilita' u verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet."*

Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) għamlet ukoll referenza għal dan il-fatt fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Chef Choice Limited vs Raymond Galea et (***Ċit Nru 2590/99,

Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 26 ta' Settembru 2013, konfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-27 t'Ottubru 2017, fejn ġie ritenut:

> *...Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet;*
>
> *Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawza fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et) Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawza fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd). Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (App. Civ. 19.6.2006 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (App. Inf. 9.1.2008 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Anki fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet ***Enrico Camilleri vs Martin Borg*** Appell Ċivili Nru 478/2000, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħallef P Sciberras, 17 ta' Marzu 2003, fejn intqal hekk:

> *[K]if paċifikament akkolt fil-ġurisprudenza tagħna "l-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet". (Eucharistico Zammit vs Eustrachio Petrococchino, Appell Kummerċ, 25 ta' Frar 1952; Paul Vassallo vs Carmelo Pace, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu 1986).*
>
> *Il-Qorti allura jeħtieġilha tara jekk il-versjoni l-waħda għandhiex teskludi lill-oħra fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet. B'hekk ukol jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifuġju mir-regola ta' "in dubio pro reo".*

Illi fil-każ in eżami, l-unika persuna li xehed fuq il-kwistjoni li kien hemm flus mgħoddija lill-intimat, kien l-istess rikorrenti. Ma kien hemm ebda xhieda oħra sabiex jikkonfermaw dak li huwa allega li kien sellef dawn il-flejjes lill-intimat. Illi għalkemm huwa semma li kien ta il-credit card tiegħu kif ukoll flus kontanti, ma ġab ebda dokument jew inkella tella' xi rappreżentant tal-banek lokali sabiex jikkonfermaw almenu dak li huwa qiegħed jgħid li kien hemm użu tal-credit card tiegħu jew inkella xi rendikont bankarju li jindika li saru tali ħlasijiet speċjalment multi u affarijiet oħra. Illi fil-każ in eżami, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Mohammed Dau Akaari vs Kevin Lungaro Mifsud et*** Appell Ċivili Nru 510/2009/1, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħallef E. Grima, 26 ta' Novembru 2014, qalet illi l-ewwel illi għandu jiġu pruvat huwa illi r-rikorrenti ikun effettivament għadda somma flus lill-intimat. Illi mill-assjem tal-provi ma jirriżultax li r-rikorrenti kien għadda xi flus lill-intimat għaliex kull ma nġib bħala prova kienet il-kelma tiegħu biss għal dak li huwa qiegħed jallega. Illi kif ingħad ebda ċirkostanza oħra ma jagħtu ħjiel li b'xi mod wieħed jista' jasal għal dak li huwa qal. Illi f'ċirkostanzi bħal dawn mhux l-intimat irid jipprova iżda min qiegħed jallega dan il-fatt. Illi l-Qorti fuq bażi ta' dawn il-fatti mhux konvinta li s-somma hija dovuta.

**Decide**

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:**

**Tiċħad it-talba magħmula mill-attur u għaldaqstant tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut.**

**L-ispejjeż tal-kawża ikunu a karigu ta' l-attur.**

**Dr Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**